MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 875/2001/1

**Joseph u Leah Attard**

**v.**

**(1) Victoria u Emanuel Sammut**
**(2) Dorothy Arnold**
**(3) Carmen Azzopardi**
**(4) Esther Cauchi**
**(5) Joseph Grima**
**(6) Emanuel Vella.**

**Il-Qorti:**

PRELIMINARI

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2007, liema sentenza sejra tigi hawn riprodotta fl-intier taghha ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell:-

"**Il-Qorti;**

"Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-18 ta' Mejju, 2001 li permezz tagħha l-atturi esponew bir-rispett:

"Illi l-attur Joseph Attard (*junior*) ilu għal numru ta' snin jaħdem ir-raba' magħruf bħala ta' Ġnien Ingraw fil-limiti tal-Mellieħa; tas-Samara, fil-limiti tal-Mellieħa; u Tal-Ħofra fil-limiti tal-Mellieħa.

"U illi l-attur Joseph Attard dejjem ħadem dan ir-raba' bħala l-uniku xogħol tiegħu u l-għajxien tiegħu u tal-familja tiegħu jiddependi mill-ħdim ta' dan ir-raba'.

"U illi hu kien l-uniku persuna li għal numru ta' snin kellu l-pussess ta' dan ir-raba' kif jiġi ppruvat waqt din il-kawża.

"U illi l-konvenuti daħlu f'dan ir-raba' 'il fuq imsemmi b'mod vjolenti, kissrulu l-apparat għat-tisqija u qattgħulu l-pajpijiet tal-ilma kif ukoll ħartu l-art u qerdulu l-prodotti li kellu miżrugħin b'dannu kbir għalih.

"U li dan l-aġir tal-konvenuti kkawża ħafna danni lill-atturi.

"Jgħidu għalhekk il-konvenuti jew min minnhom għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

"1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll għamlu ħsara u kkawżaw danni lill-attur;

"2. Tikkundanna lill-istess konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju jisgombraw mill-għelieqi Ta' Ġnien Ingraw, Tal-Ħofra u Tas-Samara lkoll limiti tal-Mellieħa u jagħmlu dawk ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex

kollox jerġa' jsir kif kien, u dan fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti;

"3. Tagħti lill-attur is-setgħa li jieħdu lura l-pussess tal-għelieqi 'il fuq imsemmija taħt kull provediment li jogħġobha tagħmel din l-Onorabbli Qorti;

"4. Tillikwida d-danni kkaġunati mill-konvenuti lill-attur;

"5. Tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-attur dawn id-danni hekk likwidati.

"Bl-imgħaxijiet u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa għas-subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi maħlufa u l-lista tax-xhieda.

"Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fil-21 ta' Ġunju, 2001 li permezz tagħha eċċepew:

"1. Illi preliminarjament jingħad li Emanuel Vella ma jeżistix.

"2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess f'kawża ta' spoll ma jistax jintalab żgumbrament iżda li l-konvenuti jiġu kkundannati jqegħdu kollox għall-istat ta' qabel.

"3. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li kif ser jirriżulta mill-provi ma ġie kommess ebda spoll u f'kull każ ma jissustux l-elementi rikjesti f'kawża ta' spoll.

"4. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

"Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

"Bl-ispejjeż kontra l-atturi li huma minn issa nġunti in subizzjoni.

"Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

“Rat is-sentenza tat-13 ta’ Frar, 2003 li permezz taghha l-Qorti laqghet it-tieni u r-raba’ eccezzjonijiet tal-konvenuti izda ddikjarat li l-azzjoni possessorja setghet titkompla bhala tali.

“Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta tal-25 ta’ April, 2007 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

“Ikkunsidrat;

“Illi kif jidher car mic-citazzjoni u s-sentenza fuq imsemmija l-azzjoni li ghandha quddiemha l-Qorti hija dik ta’ spoll. L-attur qed isostni illi l-konvenuti spussessawh mill-ghelieqi inikati fic-citazzjoni billi dahlulu go fiha u anke ghamlulu l-hsara fiha. Kif hu maghruf huma tlieta r-rekwisiti biex l-azzjoni ta’ spoll tirnexxi u dawn huma;

“1. il-pussess,

“2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta’ tal-attur, u

“3. li l-azzjoni ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

“Il-konvenuti f’din il-kawza li huma hut l-attur (eccetto Emanuel – sic! – Vella) qed jeccepixxi li t-talbiet tal-attur mhumiex fondati fil-fatt u fid-dritt u li hu ma kkommetta ebda spoll. Fil-fatt kellha titharrek Emanuela Vella li hija omm il-kontendenti li pero` hija mharrka hazin fic-citazzjoni izda korrettament fl-atti l-ohra kollha. Dwar dan il-Qorti tikkumenta iktar il-quddiem billi hemm eccezzjoni f’dan is-sens.

“L-attur ippresenta affidavit tieghu a fol 53 u fih qal kien ilu jahdem l-ghelieqi qabel l-1988 u cioe’ minn meta gie lura mill-Amerika ghaliex hu biss minn hutu kien jinteressah u kien ghamel dan fuq insistenza tal-genituri tieghu. F’dik is-sena pero` u cioe l-1988 ommu u missieru bdew jisseparaw izda hu xorta ma kellux problemi maghhom u baqa’ jahdem l-ghelieqi. Kien f’April 2001 meta l-

konvenuti bdew jghidulu li ma kellux dritt jersaq lejn l-ghelieqi u gara dak li hemm indikat fic-citazzjoni. Spicca l-affidavit billi qal li ma jistax, minhabba t-theddid tal-konvenut Sammut jibqa' jahdem l-ghalqa. Martu kkonfermat dak li qal hu anzi skond hi, huwa baqa' jahdem l-ghelieqi sa Mejju 2001.

"Il-konvenuta Sammut ippresentat affidavit a fol 61 u jidher car li l-argument principali taghha huwa li stante li l-ghelieqi in kwistjoni ghaddew ghand ommha b'effett tas-separazzjoni l-attur ma baqghalux dritt jibqa' jahdem l-ghalqa; hija u hutha l-ohra ghandhom il-permess bil-miktub ta' ommhom u ghalhekk skond hi, ghandhom kull ragun jahdmuha huma. Infatti dwar il-hsarat tghid *ma ahniex se naghmlu hsara fi hwejjigna stess.* Gew esebiti xi rapporti li saru lill-Pulizija mill-partijiet dwar il-kwistjoni.

"Xehdu Aldo Cassar mid-dipartiment tal-Agrikoltura u Vincent Curmi minn Scicluna Estates dwar il-kirjiet u anke Tony Borg, Principal Agricultural Officer, fuq l-istess haga.

"Gie presentat affidavit ta' Emanuela Vella li qalet li l-attur ma kienx jahdem l-ghelieqi taghha izda dawk ta' zewgha. Qalet li kien l-attur li beda jidhol fi hwejjigha minghajr il-permess taghha. Giet kontro-ezaminata a fol 172 fejn allura biddlet il-verzjoni taghha u qalet li hi u zewgha anke kienu qalbu r-raba' ghal fuq l-attur ghax kien jahdem ir-raba' hu biss dak iz-zmien. Qalet li Emanuel Sammut qatt ma kien jahdem ir-raba' hlief ghal dawk l-ahhar ftit snin ghax qabel kien jahdem il-madum.

"Il-Qorti thoss li hawn hija l-qofol tal-problema. Ma hemmx dubju fil-fehma tal-Qorti (nonostante certi xhieda li gew prodotti mill-konvenuti bhal Saviour Vella, Joseph Vella u Rose Zammit li ghalihom issir riferenza iktar 'il quddiem) li l-attur kien jahdem l-ghelieqi in kwistjoni sakemm il-konvenuta Vella u zewgha kienu ghadhom jghixu flimkien. Il-problema inqalghet wara s-separazzjoni ghaliex il-konvenuti zammew ma ommhom u allura ppretendew li l-art li messet lil ommhom ma tibqax f'idejn l-attur. Il-Qorti hija aktar propensa li temmen dak li qalet il-konvenuta Vella fil-kontro-ezami imsemmi milli fl-

affidavit li jidher car li ghandu idejn ta’ haddiehor. Barra minn hekk il-punt li l-aktar jissottofermaw fuqu l-konvenuti huwa li l-attur ma ghandux dritt jahdem l-ghelieqi – xi haga li ma ghandha x’taqsam xejn u ma ghandha ebda rilevanza f’din il-kawza ghaliex din hija azzjoni possessorja u ma hemmx dubbju li l-attur kien fil-pussess tal-ghelieqi in kwistjoni qabel ma l-konvenuti spussessawh. Infatti anke l-ittra interpellatorja li fuqha ghamlu enfasi il-konvenuti a fol 182 tal-process l-attur jinterpellhom biex ma jergghux jidhlulu fl-ghalqa li kienet fil-pussess tieghu. Ghalhekk sa dak in-nhar kien ghad ghandu l-pussess – imkien fl-ittra ma jidher li gie spussessat dak in-nhar kif jallegaw il-konvenuti.

“Fil-fatt l-iskrittura esebita mill-konvenuti a fol 195 tikkonferma dan. Fl-1 ta’ Marzu, 2001 il-konvenuta Vella awtorizzathom biex *jidlhu u jaghmlu dak kollu li huwa mehtieg biex jiehdu hsieb ir-raba’ elenkata.* Dan allura jfisser li <u>sa dak in-nhar</u> ma kienx hemm il-bzonn li ssir din l-iskrittura u li l-konvenuti ma kinux awtorizzati jaghmlu dan. Sinjal car allura li din kienet manuvra da parti taghhom biex jeskludu lill-attur u juri bic-car l-intenzjoni taghhom biex jibdew jahdmu l-ghelieqi in kwistjoni. Ix-xhieda l-ohra li gew prodotti ma humiex prova ahjar minn din l-iskrittura ta’ dak li gara. Fil-fatt per ezempju Joseph Vella (fol 211) jghid li fl-ahhar seba’ (7) snin ma rax lill-attur jahdem ir-raba’, izda hu xehed fl-2006 u oht l-konvenuti Rose Zammit qalet illi l-attur *gie mkecci mir-raba’.* Ma tghidx kif; probabbli illi qed tirreferi ghal meta gie spussessat.

“Fis-sentenza <u>Delia vs Schembri</u> (Prim’Awla - 4 ta’ Frar, 1958) gie ritenut illi;

“*L-azzjoni ta’ spoll iservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x’ikun li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta’ min b’awtorita’ privata jaghmel ghad-dannu ta’ terza persuna att li ghalkemm jista’ jkollu dritt ghalih ma jistax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti.*”

"Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).

"Kif gie ritenut fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit deciza fit-12 ta' April, 1958;

"*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*"

"Kif ukoll gie ritenut;

"*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili – Cardona vs Tabone – deciza fid-9 ta' Marzu, 1992).*"

"Il-Qorti hija konvinta mill-assjem tal-provi li l-konvenuti mmanuvraw biex jispussew lill-attur mill-ghelieqi, u ghalkemm jista' jkun li kienu jirnexxu f'kawza petitorja zgur li ma setghux jiehdu l-ligi b'idejhom kif certament ghamlu.

"Il-Qorti hija ukoll konvinta li l-azzjoni saret entro t-terminu ta' xahrejn ghax giet presentata' f'Mejju 2001 meta l-ispoll sar x'aktarx f'April tal-istess sena.

"Rigward pero` l-eccezzjoni li Emanuel Vella ma jezistix din hija eccezjoni fondata ghaliex hu car li kellha tigi citata Emanuela Vella. Pero` il-kawza tkompliet minghajr ma l-attur talab korrezzjoni. Ghalhekk Emanuel Vella hu min hu jew min ma hux ghandu jkun liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti hlief l-ewwel eccezzjoni li qed tilqa’ u tillibera lil Emanuel Vella mill-osservanza tal-gudizzju u dawk l-eccezzjonijiet gia’ akkolti permezz tas-sentenza tat-13 ta’ Frar, 2003; u tilqa’ l-ewwel tliet talbiet tal-atturi u tordna li x-xoghol isir fi zmien xahrejn; ix-xoghol ghandu jsir taht is-supervizjoni tal-AIC Alan Saliba.**

“**L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenuti izda l-ispejjez tas-sentenza tat-13 ta’ Frar, 2003 ikunu bla taxxa.** “

<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI VICTORIA U EMANUEL KONJUGI SAMMUT</u>

2. Il-konvenuti Victoria u Emanuel konjugi Sammut hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta’ Gunju 2007, u interponew appell minnha. In succint l-aggravji taghhom huma s-segwenti:
“(i) Li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi. Skond l-appellanti, mill-provi irrizulta bl-aktar mod car li l-atturi appellati ma baqghux jahdmu r-raba mertu tal-kawza meta kienet inqaghlet it-tilwima bejn il-genituri taghhom. L-atturi ghamlu dan ghaliex huma baqghu jiehdu hsieb ir-raba li kienet tappartjeni lill-missierhom, filwaqt li l-konvenuti appellanti baqghu jahdmu r-raba mertu ta’ din il-kawza. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata illi laqghet it-talbiet tal-atturi li ma kienux zammew u jgawdu l-pussess tar-raba mertu tal-kwistjoni.

“(ii) li t-talbiet attrici ma setghux jigu milqugha ghaliex ic-citazzjoni ma saritx fi zmien xahrejn mill-allegat spoll. Dan huwa hekk u gie ppruvat anke permezz ta’ ittra li l-attur kien kiteb tramite l-avukat tieghu Dr. Mark Busuttil, liema ittra inkitbet snin qabel ma saret din il-kawza.

“(iii) Fl-ahharnett, l-appellanti jikkontendu li fit-13 ta’ Frar 2003, l-ewwel Qorti kienet diga` laqghet it-tieni u r-raba’ eccezzjoni tal-appellanti, liema tieni eccezzjoni kienet tirreferi proprju ghat-tieni talba attrici dwar l-

izgumbrament. Illi ghalkemm kien hemm din is-sentenza preliminari, xorta wahda l-Ewwel Qorti ddikjarat fid-*decide* li kienet qeghda tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici. Ghalhekk din is-sitwazzjoni ghandha tigi rimedjata.

Ghaldaqstant dawn il-konvenuti appellanti talbu lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilqa' l-eccezzjonijiet moghtija minnhom.

<u>RISPOSTA TAL-ATTURI LEAH U JOSEPH ATTARD</u>

3. L-appellati Attard preliminarjament jissottomettu li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma ghas-segwenti ragunijiet:

Ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-pussess, jidher car li l-verzjoni tal-atturi appellati kienet korroborata anke minn ufficjali tal-Gvern, filwaqt illi l-verzjoni tal-konvenuti kienet wahda invertjera, kif spjegat anke Emanuela Vella fix-xhieda li hija tat *viva voce* quddiem l-Assistent Gudizzjarju. Ghalhekk l-element tal-pussess gie ampjament ippruvat.

Il-fatt illi l-konvenuti appellanti qabdu u dahlu fl-art li ilha snin fil-pussess tal-attur Joseph Attard u ghamlu hsara fis-sistema tat-tisqija billi qattghu l-pajpijiet, irrizulta kemm mir-rapport li ghamel l-istess Joseph Attard fl-ghassa tal-Qawra fis-7 ta' April 2001, kif ukoll mix-xhieda tal-pulizija, u mix-xhieda li tat Emanuela Vella (ara fol. 173 tal-process). Ghalhekk gie pprovat sal-grad li trid il-ligi li l-att spoljattiv gie kommess mill-konvenuti.

Rigward it-terminu li fih giet intavolata l-azzjoni, l-appellati jghidu li l-atti spoljattivi graw fis-7 u fit-8 ta' April 2001, kif jidher mir-rapporti tal-pulizija u l-kawza giet intavolata fit-18 ta' Mejju 2001, u ghalhekk entro il-limiti ta' xahrejn li trid il-ligi.

Ghalhekk l-appellati talbu sabiex din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti u tikkonferma s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-13 ta' Gunju 2007, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

FATTI MERTU TAL-KAZ

4. Qabel ma tghaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-konvenuti appellanti, din il-Qorti hi tal-fehma li jkun qabel xejn opportun li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni, u dan kif ser jinghad:
(i) Dawn il-bicciet raba maghrufa bhala “Ta Gnien Ingraw”, tas-Samara u Tal-Hofra kollha fil-limiti tal-Mellieha, kienu originarjament jappartjenu lill-genituri tal-partijiet.

(ii) Irrizulta mill-provi li l-attur ilu jahdem dawn l-artijiet minn meta kien ghadu tifel u baqa’ jaghmel hekk sakemm telaq lejn l-Amerika sabiex jizzewweg. Izda wara sitt xhur, l-attur irritorna Malta u rega’ beda jahdem din l-istess raba.

(iii) Irrizulta mill-provi li din ir-raba kienet inqalbet fuq isem l-attur fid-29 ta’ Jannar 1986, minghand missieru.

(iv) Sussegwentement, f’Marzu tas-sena 2003, din l-art kienet inqalbet fuq isem il-konvenuta Emanuela Vella li tigi omm l-attur.

(v) Qieghed jigi allegat mill-attur appellat li fis-7 ta’ April 2001, il-konvenuti dahlu f’dawn l-ghelieqi u kissrulu l-apparat ghat-tisqija, hartulu l-art u qerdulu l-prodotti li kellu fir-raba;

(vi) Min-naha taghhom, il-konvenuti qeghdin jghidu li ma gie kommess l-ebda spoll ghaliex l-atturi ma kellhomx il-pussess ta’ dawn l-ghelieqi. Dan huwa hekk ghaliex dawn l-ghelieqi kienu jiffurmaw parti mill-attiv tal-genituri taghhom, izda wara li dawn isseparaw permezz ta’ sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Lulju 1998, sar kuntratt ta’ divizjoni fl-Atti tan-Nutar Marco Burlo datat 12 ta’ Dicembru 2000, u dawn l-ghelieqi gew assenjati lill-omm il-partijiet, il-konvenuta Emanuela Vella.

KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

5. L-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi. Skond l-appellanti, mill-provi rrizulta bl-aktar mod car li l-atturi appellati ma baqghux jahdmu r-raba mertu tal-kawza meta kienet inqalghet it-tilwima bejn il-genituri taghhom. L-atturi baqghu jiehdu hsieb ir-raba li kienet tappartjeni lil missierhom, filwaqt li l-konvenuti appellanti baqghu jahdmu r-raba mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk l-ewwel Qorti kienet zbaljata illi laqghet it-talbiet ta' natura possessorja tal-atturi.

Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' dan l-aggravju, din il-Qorti qeghda taghmel referenza ghal dak li qalet l-ewwel Qorti meta kkonkludiet hekk:

"*Ma hemmx dubju fil-fehma tal-Qorti (nonostante certi xhieda li gew prodotti mill-konvenuti bhal Saviour Vella, Joseph Vella u Rose Zammit li ghalihom ssir referenza iktar 'il quddiem) li l-attur kien jahdem l-ghelieqi in kwistjoni sakemm il-konvenuta Vella u zewgha kienu ghadhom jghixu flimkien. Il-problema inqalghet wara s-separazzjoni ghaliex il-konvenuti zammew ma' ommhom u allura ppretendew li l-art li messet lil ommhom ma tibqax f'idejn l-attur.*"

6. Din il-Qorti qeghda taqbel mal-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti u tinnota li jidher li anke l-konvenuti appellanti qeghdin jaqblu ma' dan. Fil-fatt fl-aggravju taghhom l-appellanti jghidu li l-ewwel Qorti ma fehmitx dak li rrizulta mill-provi u cioe` li l-attur ma baqax jahdem l-art wara li kienet inqalghet it-tilwima bejn il-genituri tal-partijiet. Anzi dan huwa proprju dak li tajjeb fehmet l-ewwel Qorti. B'hekk ukoll, il-konvenuti qeghdin jammettu li sakemm ma kienx hemm din it-tilwima bejn il-genituri, l-attur appellat kellu l-pussess tar-raba in kwistjoni. Fil-fatt, kif irrizulta mill-provi, il-kuntratt ta' divizjoni bejn il-genituri tal-partijiet sar fit-12 ta' Dicembru 2000, u fl-1 ta' Marzu 2001 (ara fol. 195 tal-process), **jigifieri ftit qabel l-allegat spoll,** saret skrittura privata fejn Emanuela Vella kienet inkarigat lil uliedha l-konvenuti sabiex jaghmlu dak kollu li huwa mehtieg sabiex jiehdu hsieb ir-raba hemm elenkati, fosthom l-ghelieqi mertu ta' din il-kawza.

Din il-kawza saret proprju in konsegwenza ta’ dak li gara wara s-separazzjoni tal-genituri u ghalhekk dan l-aggravju tal-atturi assolutament ma jaghmilx sens ghaliex jikkonferma biss il-fatt illi mill-provi rrizulta li, wara din is-separazzjoni, l-atturi appellati ma baqghux fil-pussess tar-raba *de quo* – proprju ghaliex gie kommess dan l-ispoll.

Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-konvenuti huwa michud, anzi huwa wiehed fieragh.

7. Fit-tieni aggravju taghhom, l-appellanti qeghdin jikkontendu li t-talbiet attrici ma setghux jigu milqugha ghaliex ic-citazzjoni ma saritx fi zmien xahrejn mill-allegat spoll. Dan huwa hekk u gie ppruvat anke permezz ta’ ittra li l-attur kien kiteb tramite l-avukat tieghu, Dr. Mark Busuttil, liema ittra inkitbet snin qabel ma’ saret din il-kawza.

Jidher ghalhekk li b’dan l-aggravju, l-appellanti qeghdin jattakkaw wiehed mill-elementi essenzjali sabiex tirnexxi l-*actio spolii*, jigifieri l-*infra bimestre*. L-attur appellat ppremetta illi l-att spoljattiv sar fis-7 ta’ April 2001, jigifieri meta l-appellanti allegatament kissrulu l-apparat ghat-tisqija, qattghulu l-pajpijiet tal-ilma u hartulu l-art u qerdulu l-prodotti li kellu mizrughin. Dan kollu rrizulta mill-provi ghaliex gie ezibit ir-rapport tal-pulizija li ghamel l-istess appellat, ara fol. 165 tal-process. L-appellanti qeghdin jikkontendu li l-allegat spoll ma giex kommess dakinhar u dan kif jidher minn ittra li ntbaghtet mill-avukat Mark Busuttil fit-23 ta’ Gunju 2000, liema ittra qeghda a fol. 182 tal-process. Kif jidher minn din l-ittra, l-appellat dakinhar kien gharraf lill-appellant Emmanuel Sammut li huwa kien dahal fir-raba abbuzivament u wissieh sabiex jiddezisiti minn dan l-agir. Ghalhekk b’rizultat ta’ dawn il-fatti kien sar dhul biss mill-appellant izda ma kienux saru dawk l-atti abbuzivi u vjolenti li gew irrapurtati fis-7 ta’ April 2001.

8. Din il-Qorti hija konvinta li l-pussess tal-ghelieqi in kwistjoni baqa’ ghand l-appellat sakemm giet konkluza s-separazzjoni tal-genituri tal-partijiet, jigifieri fl-ahhar ta’ Dicembru 2000 u li dan il-pussess kompla wkoll sakemm

saret l-iskrittura privata da parti ta' Emanuela Vella (aktar 'l fuq imsemmija) sabiex l-appellanti jiehdu hsieb dawk l-ghelieqi li gew assenjati lilha u li fosthom kien kemm anke l-ghelieqi mertu ta' din il-kawza. Mir-rapport tal-pulizija rrizulta li l-ispoll li dwaru qed jikkontendi l-appellat sar fis-7 ta' April 2001, waqt li l-kawza giet intavolata fit-18 ta' Mejju 2001 u ghalhekk fi zmien xahrejn ai termini tal-ligi. Il-vjolenza rrizultat b'mod car, fejn l-appellanti qabdu u kissrulu l-apparat ghat-tisqija, qattghulu l-pajpijiet tal-ilma u hartulu l-art u qerdulu l-prodotti li kellu mizrughin. L-aggravju tal-appellanti li minhabba l-imsemmija ittra kien allura jfisser li l-allegat spoll sar hafna xhur qabel u li ghalhekk l-allegat att spoljattiv sar aktar minn xahrejn qabel, ma jistax jigi milqugh ghaliex it-tqacciet tal-affarijiet u l-hart tar-raba sar f'April tas-sena 2001. Kien fis-7 ta' April li sar l-att spoljattiv li tieghu qed jilmenta l-appellat u ghalhekk dan l-element tal-*infra bimestre* huwa sodisfatt.

Ghaldaqstant a bazi ta' dak li gie premess, dan it-tieni aggravju qieghed jigi michud ukoll.

9. Fl-ahharnett, fit-tielet aggravju taghhom l-appellanti jikkontendu li fit-13 ta' Frar 2003, l-ewwel Qorti kienet diga laqghet it-tieni u r-raba eccezzjoni taghhom, liema tieni eccezzjoni kienet tirreferi proprju ghat-tieni talba attrici dwar l-izgumbrament. Illi ghalkemm kien hemm din is-sentenza preliminari, xorta wahda l-ewwel Qorti ddikjarat fid-*decide* li kienet qeghda tilqa' l-ewwel tlett talbiet attrici. Ghalhekk din is-sitwazzjoni kellha tigi rimedjata.

Mill-ezami tal-atti jirrizulta li fis-sentenza parzjali tat-13 ta' Frar 2003 (ara fol. 33), l-ewwel Qorti kienet laqghet it-tieni eccezzjoni fis-sens illi l-azzjoni ta' spoll ma jistax jintalab l-izgumbrament u laqghet ir-raba' eccezzjoni li ma jistax ikun hemm il-likwidazzjoni tad-danni. Izda f'din is-sentenza preliminari ma kien hemm l-ebda decizjoni rigward it-talbiet attrici. Issa f'din is-sentenza li taghha qieghed isir dan l-appell, id-*decide* huwa hekk:

"*Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti hlief l-ewwel eccezzjoni li qed tilqa' u tillibera lil Emanuel Vella mill-osservanza tal-gudizzju u dawk l-*

*eccezzjonijiet gia` akkolti permezz tas-sentenza tat-13 ta' Frar 2003; u tilqa' l-ewwel tlett talbiet tal-atturi u tordna li x-xoghol isir fi zmien xahrejn, ix-xoghol ghandu jsir taht is-supervizjoni tal-A.I.C. Alan Saliba.*"

Konsegwentement ghalhekk l-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, cahdet it-tielet eccezzjoni tal-appellanti li ma gie kommess l-ebda spoll u cahdet ukoll il-hames eccezzjoni li t-talbiet attrici kienu infondati fill-fatt u fid-dritt. Min-naha l-ohra, it-talbiet attrici kienu sabiex jigi ddikjarat li l-konvenuti appellanti kkommettew spoll, ghamlu hsara u kkawzaw danni lill-attur, sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jizgumbraw mill-ghelieqi u jaghmlu dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex kollox jigi kif kien u sabiex l-attur jinghata s-setgha li jiehu lura l-pussess tal-artijiet in kwistjoni.

Jidher bic-car mid-*decide* tal-ewwel Qorti li fil-fatt dawn it-talbiet gew milqugha izda parzjalment u mhux fl-integrita` taghhom. Fil-fatt l-ewwel Qorti laqghet parti mill-ewwel talba, laqghet parti mit-tieni talba u laqghet it-tielet talba.

Ghaldaqstant a bazi ta' dawn ir-ragunijiet, dan l-aggravju huwa infondat u qieghed jigi michud bhala frivolu.

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad l-appell tal-konvenuti appellanti u ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2007, u tordna li x-xoghlijiet necessarji ghandhom isiru fi zmien xahrejn mil-lum u dan taht is-supervizjoni tal-A.I.C. Alan Saliba.

L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom jithallsu mill-appellanti u dawk tal-ewwel istanza kif gew decizi mill-ewwel Qorti. U peress li dana l-appell huwa wiehed fieragh u vessatorju fis-sens tas-subartikolu (4) tal-Artikolu 223 tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellanti li jhallsu solidament lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------